# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Gunju 2001**

**Numru**

**Citaz.  numru:  1548/96 M1 NA**

**Rachel Maurizio**

**vs**

**Dr. Tonio Mallia u P.L. Edgar Montanaro b'digriet tal-11 ta' Marzu 1996 gew nominati kuraturi deputati halli jirrapprezentaw lill-assenti Massimiliano Maurizio; u b'digriet tal-1 ta' Gunju 2000 assuma l-atti l-konvenut Massimiliano Maurizio**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Mejju 1996 fejn ippremettiet illi:

"Illi l-partijiet izzewgu fl-24 ta' Dicembru 1990 u minn dan iz-zwieg kellhom tifel Axel li twieled fl-10 ta' Lulju 1994 (Dokument "A");

Illi l-konvenut irrenda ruhu hati ta' eccessi, sevizzi w ingurji u tmien xhur ilu l-konvenut abbanduna d-dar konjugali u xahrejn ilu siefer minn Malta;

Illi l-konvenut ilu nieqes mill-Gzejjer Maltin minn xahrejn ilu;

Illi l-attrici talbet u ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili biex tissepara minn mal-konvenut li kien rapprezentant minn kuraturi deputati, liema awtorizzazzjoni l-attrici ottjeniet (Dokument "B");

Illi l-partijiet ghandhom bejniethom is-separazzjoni tal-beni;

TALBET li din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddeciedi u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Maurizio ghat-tortijiet imputabbli lill-konvenut fosthom eccessi, sevizzi, ingurji w abbandun;

2. tafda l-kura w il-kustodja tat-tifel minuri Axel lill-attrici;

3. tiddikjara li l-konvenut iddekada mill-Artikoli tal-Kodici Civili numru 48 u 50 jew min minnhom applikabbli;

4. tordna lill-konvenut jirrestitwixxi oggetti u donazzjonijiet li gew moghtija lilu mill-attrici u jghaddi lill-istess attrici dik ir-rata elimentari xierqa fic-cirkostanzi ghaliha u ghall-minuri;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti minnha esebiti.

Il-konvenut kien, inizjalment, irrapprezentat mill-kuraturi deputati l-Avukat Dottor Tonio Mallia w il-Prokuratur Legali Edgar Montanaro li ghamlu l-eccezzjonijiet soliti taghhom fit-18 ta' Dicembru 1996 fejn iddikjara illi ma kienux edotti mill-fatti w irrizervaw li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri.

Il-konvenut pero' deher personalment fis-seduta tat-12 ta' Marzu 1997 u l-Qorti stednietu biex jirregola l-*locus standi*

tieghu f'dawn il-proceduri. Minkejja illi dan ma kienx ghadu sar sas-seduta tal-21 ta' Marzu 1997 f'din is-seduta l-Qorti nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dottoressa Joselle Galea biex tigbor il-provi. Dina giet sostitwita bl-Assistent Gudizzjarju Dr. Martin Fenech fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 1997 liema nkarigu gie kkonvertit f'wiehed ta' Perit Legali fis-seduta tad-19 ta' Jannar 1998.

L-attrici pprezentat ix-xhieda taghha permezz ta' affidavit b'nota tas-7 ta' Dicembru 1998 ma' liema affidavit ipprezentat ukoll diversi dokumenti. Ghal xi zmien il-process ma kienx a disposizzjoni tal-Qorti (ara verbal tat-13 ta' Lulju 1999). Wara li nstab pero' ir-rapport tal-Perit Legali gie mahluf fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2000. Fis-seduta invece tal-1 ta' Gunju 2000 l-attrici ddikjarat li ma kellha xejn x'izzid mar-rapport peritali filwaqt illi l-Qorti laqghet it-talba li kienet giet maghmulha mill-konvenut biex jassumi l-atti tal-kawza f'ismu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-20 ta' Ottubru 2000. L-istess attrici, pero', fl-14 ta' Frar 2001 ipprezentat rikors li konsegwenza tieghu ma kienx possibbli illi tinghata s-sentenza u dana sakemm fis-seduta tas-16 ta' Frar 2001 il-Qorti giet mitluba korrezzjoni fit-talbiet citattivi mill-istess attrici. Il-konvenut, prezenti fl-Awla, ma opponiex ghal din il-

korrezzjoni, ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni kif korretta w irrinunzja ghad-dritt ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri. Accetta wkoll li jivversa alimenti lill-attrici ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) fil-gimgha, hames liri (Lm5) ghall-istess attrici u hames liri (Lm5) ghat-tifel minuri.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi mressqa u mir-rapport peritali l-Qorti m'ghandhiex dubbju illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-falliment ta' dan iz-zwieg. Huwa, effettivament, ittraskura lill-familja totalment u dana probabbilment minhabba l-vizzju tad-droga li ma kienx irnexxielu jehles minnu minkejja l-assistenza ta' martu u tal-familja taghha. Minhabba dan il-vizzju w it-terapija li minn zmien ghal zmien ikollu jaghmel il-konvenut ma jidhirx illi qed ikollu post tax-xoghol fiss. Kunsidrat dan il-fatt u l-fatt li l-attrici tahdem, minkejja illi *part-time,* l-Qorti jidhrilha illi l-ammont ta' alimenti offerti mill-konvenut huma, fic-cirkostanzi, ammont ragonevoli. Bejn il-partijiet jezisti r-regim tas-Separazzjoni tal-Beni a bazi ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Peter Carbonaro (ara fol. 30 tal-process), minkejja illi dan jinghad biss ghall-kompletezza fattwali peress illi l-Qorti ma ghandha ebda talba quddiemha ghax-xoljiment u

likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti li ovvjament ma kenitx tezisti bejn il-partijiet. Fir-rigward tat-tieni talba lanqas ma l-Qorti ghandha xi talba specifika mill-konvenut biex hija tiffissa hinijiet regolari ta' l-access u, ghalhekk, f'dan ir-rigward il-Qorti ma tantx tista' tipprovdi. L-istess jista' jinghad ghall-ewwel parti tar-raba' talba peress illi l-attrici ma gabitx prova specifika ta' dawk l-oggetti li gew donati lill-konvenut u ghalhekk l-akkoljiment ta' din it-talba tista' biss tkun wahda generika.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddeciedi u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Maurizio ghal tortijiet imputabbli lill-konvenut fosthom eccessi, ingurji w abbandun;

2. tafda l-kura u kustodja tat-tifel minuri Axel lill-attrici u tirrizerva li tipprovdi dwar access ghall-istess minuri da parti tal-konvenut f'kaz ta' nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u jekk ikollha talba fil-futur f'dan ir-rigward;

3. tiddikjara li l-konvenut iddekada mill-Artikolu 48 tal-Kodici Civili (l-Artikoli 49 u 50 gew imhassra bl-Att XXI tal-1993);

4. tordna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici oggetti u donazzjonijiet li gew lilu moghtija minnha u li jghaddi lill-istess attrici retta alimentari ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) fil-gimgha, hames liri Maltin (Lm5) ghaliha u hames liri Maltin (Lm5) ghat-tifel minuri.

L-ispejjez kollha ta' din il-kawza ghandhom jithallsu mill-istess konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.